MALTA

ATT Nru. III ta' l-1984

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1982 li jirregola t-Trasferiment ta' Immobbli.

ACT No. III of 1984

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Transfer of Immovables (Regulation) Act, 1982.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

CARMELO SCHEMBRI
Aġent President

24 ta' Frar, 1984

ATT Nru. III ta' l-1984

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1982 li jirregola t-Trasferiment ta' Immobbli.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fl-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 li jemenda l-Att li jirregola t-Trasferiment ta' Immobbli u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1982 li jirregola t-Trasferiment ta' Immobbli, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok it-tifsira ta' "Kummissarju" li hemm fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kummissarju" tfisser il-Kummissarju ta' l-Artijiet, u tinkludi kull uffiċjal pubbliku li jkollu awtorità espressa mingħand il-Kummissarju biex jaġixxi minfloku fit-twettieq ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att;".

Żieda ta' artikolu ġdid 7A ma' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Trasferimenti eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Att Nru XXXIII ta' l-1976 Kap. 24

7A. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx japplikaw għal:

(a) xi trasferiment ta' immobbli magħmul mill-Awtorità tad-Djar skond xi direttiva mogħtija skond l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, xi trasferiment magħmul mill-Gvern skond l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, u xi għoti mill-Gvern taħt l-Ordinanza dwar id-Dfin, u xi trasferiment magħmul mill-Gvern jew minn xi korp magħqud ieħor imwaqqaf b'liġi meta l-prezz ikun stabbilit minn jew taħt xi liġi jew meta dak it-trasferiment ikun approvat minn, jew magħmul taħt, *policy* approvata mill-Kamra tad-Deputati skond id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi;

(b) xi bejgħ ordnat minn xi Qorti f'Malta:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu bejgħ ordnat minn Qorti ma jinkludix bejgħ sussegwenti għal sentenza jew ordni ta' xi Qorti fuq talba f'ċitazzjoni sabiex titwettaq wegħda ta' bejgħ;

(ċ) xi diviżjoni ta' immobbli;

(d) xi assenjazzjoni ta' immobbli bejn miżżewġin, sew jekk dawk l-immobbli jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti sew jekk le, u sew jekk dik l-assenjazzjoni tkunx jew le minħabba separazzjoni personali tal-miżżewġin, dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ, xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew xi raġuni oħra;

(e) xi trasferiment favur il-Gvern jew favur xi korp magħqud imwaqqaf b'liġi; u

(f) xi fidi ta' ċens li jsir skond l-artikolu 1582A tal-Kodiċi Ċivili.".

4. L-emendi magħmula bl-artikolu 3 ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li kienu jseħħu mal-bidu fis-seħħ ta' l-Att prinċipali. Effett ta' l-emendi

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 157 tat-22 ta' Frar, 1984.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati